2025/1790

5.9.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1790

tal-5 ta' Settembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 ([1]).

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, permezz tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbuży serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem għal kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. L-Unjoni ma tirrikonoxxix l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u tibqa' tikkundannaha bħala ksur tal-liġi internazzjonali.

(4) Mill-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola tal-Krimea marret għall-aħar b'mod sinifikanti. Ir-residenti tal-peniżola jħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet sistematiċi tal-libertajiet fundamentali tagħhom, u jseħħ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-Krimea, fosthom trattament krudili, inuman u degradanti tad-detenuti.

(5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li żewġ persuni jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"134.	Vadim Viktorovich BULGAKOV magħruf ukoll bħala Vadym Viktorovych BULHAKOV	Вадим Викторович БУЛГАКОВ (Ortografija Russa)	Pożizzjoni: Kap tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol' Data tat-twelid: 30.1.1969 Post tat-twelid: Simferopol, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena, Russa Identità tat-taxxa Ukrena (ДРФО): 2523214611 Identità tat-taxxa Russa (ИНН): 910218275068 Sess: raġel Indirizz: Simferopol, Autonomous Republic of Crimea, Ukraine Individwi assoċjati: Arkady Alexandrovich Gostev, Direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu Aleksei Nikolaevich Pikin, Viċi Kap tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol'	Minn Novembru 2014, Vadim Bulgakov huwa l-Kap tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol'. Huwa għandu awtorità unika fuq l-attivitajiet tad-Direttorat u, għalhekk, għandu responsabbiltà personali għal, fost affarijiet oħra, l-għoti xieraq ta' servizzi mediċi lid-detenuti u lill-priġunieri fil-Krimea. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għaċ-ċaħda mifruxa u sistematika ta' kura medika adegwata u trattament għad-detenuti u l-priġunieri, b'mod partikolari l-priġunieri politiċi. Dan jammonta għal trattament krudili, inuman jew degradanti. Sa mill-ħatra tiegħu bħala Kap tad-Direttorat fl-2014, ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-Krimea ġie ddokumentat min-Nazzjonijiet Uniti u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. B'mod partikolari, il-prattika amministrattiva tat-trattament ħażin u ċ-ċaħda tal-kura medika lill-priġunieri politiċi, li tikkostitwixxi att ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, seħħet ripetutament fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Simferopol fil-Krimea sa mill-ħatra tiegħu. B'mod partikolari, huwa responsabbli għat-trattament ħażin tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Iryna Danylovych u Amet Suleymanov, li ġew miċħuda kura medika xierqa għal diversi xhur matul il-priġunerija tagħhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Simferopol. Għalhekk, Vadim Bulgakov huwa responsabbli għal ksur jew abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' priġunieri politiċi miżmuma f'ċentri ta' detenzjoni fil-Krimea.	5.9.2025

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
135.	Aleksei Nikolaevich PIKIN magħruf ukoll bħala Alexey Nikolaevich PIKIN	Алексей Николаевич ПИКИН (Ortografija Russa)	Pożizzjoni: Viċi Direttur tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol' Data tat-twelid: 9.8.1975 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Voronezh, Voronezh Region, Russia Individwi assoċjati: Arkady Alexandrovich Gostev, Direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu Vadim Viktorovich Bulgakov, Kap tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol'	Aleksei Pikin huwa l-Viċi Kap tad-Direttorat tas-Servizz Federali Russu tal-Infurzar Penali għar-'Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol' minn Mejju 2016. F'dik l-istruttura, huwa responsabbli għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni tas-sistema penali reġjonali fil-Krimea u Sevastopol, inkluż l-imġiba tal-persunal, il-benesseri tal-priġunieri u l-prevenzjoni ta' ksur tal-liġi fil-faċilitajiet ta' detenzjoni. Minħabba dan il-mandat, huwa responsabbli għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq kontra individwi kkundannati għal priġunerija fil-Krimea, inkluż abbużi minn persunal, miżuri dixxiplinari illegali, jew nuqqas ta' prevenzjoni tat-tortura, trattament ħażin jew ċaħda ta' drittijiet bażiċi fis-sistema penali. Huwa responsabbli għaċ-ċaħda mifruxa u sistematika ta' kura medika adegwata u l-għoti ta' trattament lid-detenuti u lill-priġunieri, b'mod partikolari lill-priġunieri politiċi. Dan jammonta għal trattament krudili, inuman jew degradanti. Sa mill-ħatra tiegħu bħala Viċi Kap fl-2016, ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-Krimea ġie ddokumentat min-Nazzjonijiet Uniti u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. B'mod partikolari, il-prattika amministrattiva tat-trattament ħażin u ċ-ċaħda tal-kura medika lill-priġunieri politiċi, li tikkostitwixxi att ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, seħħet ripetutament taħt l-awtorità tiegħu fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Simferopol fil-Krimea sa mill-ħatra tiegħu. B'mod partikolari, huwa responsabbli għat-trattament ħażin tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Iryna Danylovych u Amet Suleymanov, li ġew miċħuda kura medika xierqa għal diversi xhur matul il-priġunerija tagħhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Simferopol. Għalhekk, Aleksei Pikin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' priġunieri politiċi miżmuma f'ċentri ta' detenzjoni fil-Krimea.	5.9.2025."